

4. **Ir-raba' aggravju**, jallega li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta sabet li l-miżuri ta' Novembru 2013 ma kinux interferenza mhux ġusifikata u sproporzjonata fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti.

- ⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/497/PESK, tal-10 ta' Ottubru 2013, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 272, p. 46).
- ⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39).
- ⁽³⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 971/2013, tal-10 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 272, p. 1).
- ⁽⁴⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1).
- ⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/685/PESK, tas-26 ta' Novembru 2013, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 316, p. 46).
- ⁽⁶⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1203/2013, tas-26 ta' Novembru 2013, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 316, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hannover (il-Ġermanja) fit-28 ta' April 2017 – Brigitte Wittmann vs TUIfly GmbH

(Kawża C-226/17)

(2017/C 231/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hannover

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Brigitte Wittmann

Konvenuta: TUIfly GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-assenza minħabba mard ta' parti sostanzjali mill-persunal meħtieġ għat-twettiq tat-titjiriet tat-trasportatur bl-ajru tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ⁽¹⁾? Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: kemm għandha tkun ir-rata ta' assenza sabiex tali ċirkustanza tiġi ammissa?
- 2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv: l-assenza spontanja ta' parti sostanzjali mill-persunal meħtieġ għat-twettiq tat-titjiriet tat-trasportatur bl-ajru, minħabba waqfien fix-xogħol mhux awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni tax-xogħol jew skont ftehim kollettiv ("strajk selvaġġ"), tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004? Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda: kemm għandha tkun ir-rata ta' assenza sabiex tali ċirkustanza tiġi ammissa?
- 3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda: iċ-ċirkustanza straordinarja fiha nnifisha kellha tkun preżenti meta ġiet ikkanċellata t-titjira jew it-trasportatur bl-ajru jista' jistabbilixxi skeda ġdida ta' titjiriet għal raġunijiet ekonomiċi?
- 4) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda: il-kunċett ta' natura evitabbli huwa marbut maċ-ċirkustanza straordinarja jew pjuttost mal-konsegwenzi tal-okkorrenza tal-imsemmija ċirkustanza?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).